MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-10 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 597/2018/1 LM

**Martin Agius, iben Francesco Agius u Mary née Spiteri, imwieled il-Pietà, u residenti l-Mosta, detentur tal-karta tal-identità numru 745362M**

***vs.***

**Ronald Agius, iben Francesco Agius u Mary née Spiteri, imwieled il-Pietà u residenti Bormla, detentur tal-karta tal-identità numru 369872M u Carmen Buttigieg, mart Angelo Buttigieg, bint Francesco Agius u Mary née Spiteri, imwielda San Ġiljan u residenti Marsascala, detentriċi tal-karta tal-identità numru 469159M bħala eredi tal-ġenituri tagħha**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Martin Agius** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li ġie ppreżentat fis-16 ta' April, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jassenja jew b'xi mod ieħor jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-proprjetà deskritta hawn isfel:*

1. *Id-dar bin-numru tnejn u sittin (62) li tinsab ġewwa Victory Street, Birkirkara, tal-kejl ta' circa tomna u nofs kejla, li tikkonfina mit-Tramuntana ma' Victory Street, mil-Lvant ma' beni ta' Carmelo Pullicino u mill-Punent ma' beni ta' Vincenza Fenech jew l-aventi kawża tagħhom,*

*Illi l-partijiet huma aħwa u ulied id-defunti Francesco Agius u Mary Agius;*

*Illi jirriżulta li Francesco Agius ġie nieqes fit-tnejn u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (22.12.2012) (Dok. A anness);*

*Illi mis-soliti riċerki testamentarji fl-Indiċi tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta (Dok. B), u fil-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (Dok. C), jirriżulta illi huwa miet u ħalla warajh testment unica charta ma' martu tat-18 ta' Diċembru, 1996 in atti tan-Nutar Pierre Cassar u aġġunta għall-ewwel testment li saret fis-7 ta' Marzu, 2007 in atti tan-Nutar Rosella Sciberras; mil-liema jirriżulta illi hu ħalla lit-tliet ulied, ossia Martin Agius, Ronald Agius u l-bint Carmen illum Buttigieg, eredi tiegħu, b'dana illi ħalla prelegat favur Ronald Agius fuq caravan bin-numru erbgħa ittra A (4A);*

*Illi jirriżulta illi Mary Agius ġiet nieqsa fit-tlettax ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (13.03.2015) (Dok. D anness);*

*Illi bl-istess mod mis-soliti riċerki testamentarji fl-Indiċi tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta (Dok. E), u fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja (Dok. F), jirriżulta illi l-omm Mary Agius mietet u ħalliet warajha testment unica charta ma' żewġha tat-18 ta' Diċembru, 1996 in atti tan-Nutar Pierre Cassar u aġġunta għall-ewwel testment li sar fis-7 ta' Marzu, 2007 in atti tan-Nutar Rosella Sciberras; mil-liema jirriżulta illi hi ħalliet lit-tliet ulied, ossia Martin Agius, Ronald Agius u l-bint Carmen illum Buttigieg, eredi tagħha, b'dana illi ħalliet prelegat favur Ronald Agius fuq caravan;*

*Illi jirriżulta li llum l-esponent Martin Agius irrinunzja għall-wirt ta' ommu u missieru u dan kif jirriżulta mill-annessi Dokumenti mmarkati G u H u kwindi llum għandu dritt għall-porzjon riservat;*

*Illi jirriżulta illi nonostante s-suespost, f'ħajjithom, id-defunti Mary u Francesco konjugi Agius, kienu taw b'donazzjoni lill-intimat Ronald Agius il-proprjetà fuq imsemmija, ossia l-ġnien bin-numru tnejn u sittin (62) fi Triq il-Vitorja ġewwa Birkirkara, li hija l-uniku immobbli li l-konjugi Agius kellhom u li skont stima maħruġa mill-Perit eks-parte David Psaila għandha valur ta' €370,000 (Dok. I) meta ngħatat lill-intimat, mentri llum għandha valur ta' €450,000;*

*Illi salv għall-imsemmija proprjetà, id-defunti ma kellhom xejn ħlief żewġ caravans u kwindi fil-mument tal-mewt tagħhom, għalkemm kienu ħallew lit-tliet uliedhom bħala eredi, effettivament ir-rikorrent ma kien ser jieħu assolutament xejn;*

*Illi stante li l-esponent illum irrinunzja għall-wirt tal-ġenituri tiegħu, huwa intitolat għall-porzjon riservat u kwindi għandu dritt ta' kreditu kontra l-eredità tal-ġenituri tiegħu;*

*Illi huwa għalhekk li jeħtieġ li l-konvenut Ronald Agius jiġi inibit milli jbiegħ il-proprjetà odjerna; li hi l-unika proprjetà tad-defunti eżistenti u li llum issejjaħ esklussivament lil Ronald Agius;*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti qed jipprosegwi quddiem din l-Onorabbli Qorti ħalli l-istess Qorti tipprovdi fuq it-talbiet tiegħu u żżomm lill-intimat milli jiddisponi bi kwalunkwe mod minn din il-proprjetà;*

*Illi minkejja ii l-konvenuti ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tal-porzjon riservat u spettanti lill-esponent huma baqgħu inadempjenti;*

*Illi mill-premess jirriżulta li prima facie dritt u l-preġudizzju irrimedjabbli li ser isofri r-rikorrenti kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ma toħroġx l-istess mandat;*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti titlob li dan il-mandat jintlaqa' immedjatament, fuq bażi provviżorja ħalli jiġu notifikati l-awtoritajiet relattivi u l-intimati jiġu inibiti kif deskritt aktar 'il fuq;*

***Kreditu:*** *wieħed u erbgħin elf, mija u ħdax-il Euro (€41,111) ikkalkolati biss ai fini ta' dan il-mandat (1/9 x Eur 370,000 = Eur 41,111) u b'mod konservattiv u mingħajr indikazzjoni li l-esponent qed jaqbel li s-sehem riservat tiegħu għandu jkun f'dan l-ammont. L-ammont indikat huwa biss il-valutazzjoni ta' din il-proprjetà mill-perit eks-parte, meta ngħatat il-proprjetà u mhux qed jiġu inklużi l-assi l-oħra li l-mejtin kellhom.*

***Titolu:*** *dritt ta' kreditu a tenur tal-Artikolu 616 tal-Kap. 16 ċioe Porzjon Riservat spettanti lill-ulied.*

*Għaldaqstant, l-esponent umiment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta ta' **Carmen Buttigieg,** ippreżentata fit-23 ta' April, 2018, li tgħid kif ġej:

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti qed tindika li hija ma tista' qatt titqies li hi l-leġittimu kontradittur fil-mandat odjern li ġie ppreżentat mhux biss kontra ħuha Ronald Agius iżda wkoll kontra tagħha, stante li hija ma għandha l-ebda titolu fuq il-proprjetà indikata fl-istess mandat ċioe dik li tinsab bin-numru 62, ġewwa Victory Street, Birkirkara, liema proprjetà kienet ingħatat b'donazzjoni unikament favur l-intimat l-ieħor Ronald Agius mill-ġenituri tagħha kif saħansitra konċess mill-istess rikorrent Martin Agius fil-mandat imressaq minnu (raba' paragrafu tat-tieni paġna tal-Mandat) u kif jirriżulta mill-kopja tal-istess kuntratt hawn annessa bħala Dok. A).*
*B'hekk l-esponenti għandha tiġi meħlusa mill-effetti ta' dan il-mandat għaliex dan hu infondat fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tagħha għaliex hija ċertament ma tistax tiġi inibita a tenur tal-artikolu 874 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili milli*

*tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi, tassenja, jew b'xi mod ieħor tiddisponi minn proprjetà li r-rikorrent innifsu qed jikkonferma fir-rikors tiegħu li mhix tagħha!*

*F'dan ir-rigward issir referenz/a għal sentenza li kkunsidrat preċiżament dan il-punt fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 86/2013 fl-ismijiet Nicholas Cassar, Anna Cassar, John Cassar, Graziella Cassar, ilkoll ulied Nicholas Cassar u l-mejta Maria Carmela née Farrugia vs. P&S Limited, Paul Vella iben Joseph u Rosa née Micallef imwieled u resident l-Imġarr Malta, deċiża fis-6 ta' Frar, 2013 fejn b'referenza għal dak li kien eċċepixxa l-intimat Paul Vella f'ismu proprju fis-sens li dan ma kienx il-proprjetarju tal-proprjetà mertu tal-mandat u li b'hekk ma kienx il-leġittimu kontradittur l-istess Qorti kkunsidrat is-segwenti:*

*"Ir-rikorrenti ma ġabu ebda prova illi Paul Vella personalment għandu xi jedd fuq il-proprjetà li qed tiġi żviluppata u għalhekk talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandhiex treġi fil-konfront tiegħu personali iżda biss kontra l-proprjetarju ċioe s-soċjetà intimata. Dan ma jeżonerax lil Paul Vella mill-obbligi u responsabbiltajiet legali qua direttur tas-soċjetà <u>iżda ma jistax f'din is-sede jiġi inibit personalment milli jagħmel jew jiddeżisti li jagħmel xi ħaġa f'fond li tiegħu mhux proprjetarju</u> (enfasi miżjuda)."*

*Umilment jiġi sottomess li l-istess prinċipju għandu japplika fil-każ odjern ladarba l-esponenti mhijiex il-proprjetarja tal-proprjetà mertu tal-inibizzjoni.*

*2. Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti qed tindirizza għal kull buon fini s-segwenti asserzjonijiet inkorretti kontenuti fil-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat mir-rikorrent Martin Agius:*

*a) Illi l-ewwelnett għandu jirriżulta li kuntrarjament għal dak allegat mill-istess rikorrent li hu rrinunzja għall-wirt tal-ġenituri tiegħu skont id-dikjarazzjonijiet li hu ppreżenta aktar kmieni din is-sena (wara li l-ġenituri tiegħu ilhom numru ta' snin mejtin), l-istess rikorrent preċedentement għamel atti ta' aċċettazzjoni tal-wirt qabel tali dikjarazzjoni tant li wasslu sabiex wara l-mewt ta' missieru huwa ġie rikonoxxut bħala inkwilin bħala inkwilin ta' proprjetà fi Triq il-Ġdida, Bormla proprju għaliex kien aċċetta li kien eredi ta' missieru (Dok B annessa) filwaqt li wara l-mewt ta' ommu ddikjara ruħu bħala inkwilin tal-proprjetà li hi kienet tirrisjedi fiha u proprju per konsegwenza tal-fatt li hu kien qed iqis ruħu eredi tagħha, talab sabiex ikun jista' jakkwista l-istess proprjretà (Dok C1 annessa, wara li mietet ommu kif jirriżulta minn*

*Dok C2 anness), kif ikun jista' jiġi konfermat billi l-Qorti tisma' u tippermetti li r-rikorrent jiġi kkonfrontat fir-rigward ta' dan il-punt billi tisma' x-xhieda tiegħu a tenur tal-artikolu 875(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn dan jipprovdi li …*

*(3) Il-Qorti għandha, wara li tappunta għas-smigħ, tiddeċiedi dan ir-rikors, wara li tisma' kull xhieda li jidhrilha xierqa …*

*B'hekk l-esponenti ma tistax tifhem, kif ir-rikorrent qed jivvanta l-pretensjonijiet tiegħu għall-porzjon riservat meta huwa diġà għamel atti di erede u għamel aċċettazzjoni taċita li hu eredi!*

*F'dan ir-rigward issir referenza għall-artikolu 850(3) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi fir-rigward ta' kif tista' sseħħ aċċettazzjoni taċita ta' wirt li:*

*(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel hekk jekk mhux bħala werriet.*

*Il-fatt li r-rikorrent talab sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin ta' proprjetajiet li kienu jirreferu għall-ġenituri tiegħu wara li dawn ġew neqsin, għandu jitqies li hu ekwivalenti għal aċċettazzjoni da parti tar-rikorrent tal-kwalità tiegħu ta' eredi għaliex hekk biss seta' jitlob id-drittijiet mitlubin minnu in konnessjoni mal-proprjetajiet li kienu jsejħu lill-ġenituri tiegħu. B'hekk ma hemm l-ebda dubju li r-rikorrent kien diġà kkommetta ruħu li jaċċetta li hu kien eredi qabel ma ttenta jagħmel dikjarazzjoni ta' rinunzja!*

*Illi l-aċċettazzjoni tal-wirt kif għamel ir-rikorrent ikollha għaldaqstant twassal inevitabbilment għall-esklużjoni tal-possibilità li dan issa jitqies li seta' sussegwentement jirrinunzja għall-istess wirt għaliex kif konfermat anki fil-ġurisprudenza:*

*'Ir-rinunzja mhijiex possibbli fejn hemm aċċettazzjoni ta' wirt'.*[1]

[1] Kawża deċiża Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Maġistrat Dr Anthony Ellul seduta tal-20 ta' Jannar, 2009 (Ċitazzjoni Numru 31/2008) fl-ismijiet Mariano sive Mario Pace f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsefrin ħutu Josephine Robinson, Michelina Cutajar u Emanuel Pace kif ukoll bħala mandatarju tal-imsefrin Mary Ann Ahern u John Pace ulied il-mejjet Saviour Pace, ħu l-istess Marjano sive Mario Pace vs Carmelo Pace u b'digriet

*B'hekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi issa li għandu dritt li jitlob is-sehem riservat wara li huwa kien diġà aċċetta li hu eredi!*

*b) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jirriżulta wkoll li fit-testment tal-ġenituri tal-partijiet datat 18 ta' Diċembru, 1996, esebit mill-istess rikorrent mad-dokumenti annessi minnu mal-mandat odjern, dan kien għamilha ċara fit-tielet artikolu tiegħu li t-testaturi kienu qed jeżentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontemplati fil-liġi.*

*Għaldaqstant il-proprjetà mertu ta' dan il-mandat, li ġiet mgħoddija lill-intimat l-ieħor b'donazzjoni matul ħajjet il-ġenituri tal-partijiet ma tistax titqies li għandha tittieħed in konsiderazzjoni bħala parti mill-valur tal-writ tal-istess ġenituri u b'hekk ir-rikorrent ma jistax jippretendi li jikkalkula s-sehem riservat tiegħu a bażi ta' proprjetà li ma għandhiex tiġi meħuda in kunsiderazzjoni għall-finijiet li jiġi kalkulat l-istess sehem riservat pretiż u dan proprju għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-artikolu 913 tal-Kodiċi Ċivili li jirregola l-kollazzjoni għandu jitqies li mhux applikabbli stante l-eżenzjoni li saret mill-obbligu tal-kollazzjoni kif indikat fit-testment tal-ġenituri tal-partijiet u b'hekk ix-xewqa tal-istess ġenituri tal-partijiet għandha tiġi rispettata anki tenut kont ta' dak provdut fl-artikolu 914 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Konsegwentement għandu jirriżulta li anki fuq bażi ta' prima facie, ir-rikorrent ma għandu ebda dritt li jdaħħal l-istess proprjetà mertu ta' dan il-mandat fil-kalkoli li qed jagħmel biex jagħti valur lis-sehem riservat pretiż minnu, anzi prima facie jirriżulta preċiżament il-kontra u ċioe li hu ma għandu l-ebda tali dritt u b'hekk ma jistax jitqies li hu korrett meta qed jallega li għandu allegat sehem riservat ekwivalenti għal somma ta' €41,111 li qed jiġi pretiż ukoll fil-konfront tal-esponenti u li għandu interess fil-konfront tal-proprjetà mertu ta' dan il-mandat, ladarba din il-proprjetà lanqas biss għandha titqies li tista' tiddaħħal fi kwalsiasi kalkolu li qed isir biex jiġi kalkulat is-sehem riservat!*

*F'dan ir-rigward jiġi mfakkar li l-artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li:*

---

tat-8 ta' Mejju, 2008 Carmelo Pace ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsefrin John, Frank u Teresa mart Salvu Pace wkoll aħwa Pace.

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent* *__prima facie__* *jidher li għandu dawk il-jeddijiet (enfasi miżjuda).*

*c) Illi kif jirriżulta mill-kuntratt ta' donazzjoni imsemmi aktar kmieni, il-valur tal-proprjetà mogħtija b'donazzjoni favur l-intimat Ronald Agius kien wieħed ferm anqas minn dak li qed jallega li jiswa lir-rikorrent* (recte) *u dan stante l-limitazzjonijiet li din hi preġudikata bihom stante d-djuq fil-faċċata tagħha tant li safejn taf l-esponenti anki l-valutazzjoni li kienet ġiet attribwita lilu mill-perit tal-Gvern kienet viċin għas-somma li dan ġie dikjarat li kellu skont id-donazzjoni li kienet saret u b'hekk, anki li kieku għall-grazzja tal-argument ir-rikorrent kellu qatt jitqies li jmissu xi sehem riservat mill-wirt tal-ġenituri tiegħu jew ta' xi ħadd minnhom, l-ammont pretiż minnu ikollu jitqies f'dak il-każ ferm anqas minn dak li huwa qed jikkwota.*

*L-esponenti tirrimarka wkoll li l-valutazzjoni peritali mressqa mir-rikorrent, hi ffirmata minn Perit li bejn wieħed u ieħor lejn is-sena 2009 hija stess kienet talbitu sabiex jaċċedi fuq l-istess proprjetà u safejn hija tiftakar dan kien ta lilha indikazzjoni li l-valur tal-proprjetà kien ta' circa €60,000! (Effettivament hu l-istess Perit li jikkonferma fit-tieni paġna tar-rapport tiegħu li hu kien intalab li jivvaluta l-istess proprjetà fis-sena 2009 iżda b'mod sorprendenti dan issa qed jagħti x'jifhem – jekk ir-rapport qed jinftiehem sew stante li f'ċertu partijiet hu konfużjonarju – li l-istess proprjetà fis-sena 2009 kienet tiswa €370,000 ċioe aktar minn €300,000 aktar minn dak li kien indika lilha fis-sena 2009)! Fl-istess waqt l-istess rapport jagħmel referenza għal ċertu partikolaritajiet u limitazzjonijiet li ssofri minnha l-istess proprjetà iżda ftit li xejn jidher li jagħtihom piż. B'hekk fi kwalunkwe każ il-valutazzjoni mogħtija mill-istess Perit u l-kalkolu tas-sehem riservat konsegwenzjali għandhom jiġu skartati.*

*d) Illi lanqas ma hu minnu li minbarra l-proprjetà indikata mir-rikorrent, ma kien hemm xejn aktar li tħalla mill-ġenituri tal-partijiet, tant li fil-fatt għad hemm sehem minn qabar li kienet wirtet omm il-partijiet u xi flus miżmuma l-Bank fis-somma ta' circa €4,600 (Dok D anness) li l-istess rikorrent kien qiegħed jippretendi li għandu jeħodhom kollha hu sempliċiment għax ma kienx irid jaċetta li ħuh kien ingħata donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu tal-proprjetà mertu ta' dan il-mandat. B'hekk anki din l-insistenza li jieħu dawn il-flus għandha titqies li kienet ekwivalenti għal rikonoxximent u aċċettazzjoni da parti tiegħu li hu kien werriet, biex issa bħal donnu qed jinsa dan kollu u qed jallega li dak li għandu hu jedd ta' kreditur bħala sehem riservat!*

*Dan il-fatt għandu jitqies li għaldaqstant isaħħaħ ulterjorment dak li ingħad fil-paragrafu (a) li l-istess rikorrent fil-fatt diġà esprima ruħu b'mod li rrikonoxxa lilu nnifsu bħala werriet tal-ġenituri tiegħu u b'hekk ma jistax issa jippretendi li rrinunzja għall-istess wirt biex jieħu sehem riservat li tabilħaqq qed jiġi kalkolat billi jdaħħal in konsiderazzjoni l-proprjetà mertu ta' dan il-mandat li lanqas kellha tiddaħħal kif spjegat fil-paragrafu (b) hawn fuq;*

*Għaldaqstant, l-esponenti qed titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti:*

*1) Tilliberaha mill-effetti tal-mandat odjern għar-raġunijiet indikati f'din ir-risposta;*
*2) Tiċħad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fil-mandat ta' inibizzjoni mressaq minnu stante li fi kwalunkwe każ dak pretiż minnu hu infondat fil-fatt u fid-dritt;*
*3) Tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent inkluż kontra l-esponenti.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jintalbu li jiġu dikjarati li jkunu a karigu tal-istess rikorrent Martin Agius.*

Rat ir-Risposta tal-intimat **Ronald Agius** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") ippreżentata fit-23 ta' April, 2018, fejn ġie eċċepit:

*Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jiddikjara li huwa ma ġiex notifikat formalment bil-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat minn Martin Agius, però ġie infurmat dwaru minn oħtu, nhar il-Ġimgħa, 20 ta' April, 2018, u filwaqt illi qiegħed jagħti ruħu b'notifikat għall-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi, qiegħed jippreżenta r-risposta tiegħu:*

*Illi mhuwiex kontestat illi Francesco Agius kien għadda għal ħajja oħra fit-22 ta' Diċembru, tas-sena 2012, filwaqt illi Mary Agius kienet għaddiet għal ħajja oħra fit-13 ta' Mejju, tas-sena 2015;*

*Illi lanqas ma huwa kkontestat illi d-defunti Francesco u Mary konjugi Agius kienu għamlu testment unica charta fit-18 ta' Diċembru, 1996, filwaqt illi kienu aġġunġew mal-ewwel testment, testment ulterjuri datat 7 ta' Diċembru, 2007 fl-atti tan-Nutar*

*Dr Rosella Sciberras, mil-liema jirriżulta illi huma kienu ħallew lit-tliet kontendenti bħala eredi universali, b'dan illi tħalla caravan b'titolu ta' prelegat lill-esponenti Ronald Agius;*

***A Il-Fattispeċje tal-proċeduri odjerni:***

*Illi fit-testment unica charta tat-18 ta' Diċembru, 1996, id-defunti permezz tat-tielet Artikolu eżentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontemplati fil-liġi (Dok. A);*

*Illi permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Mejju, 2009, id-defunti kienu ttrasferew b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lill-esponenti l-ġnien bin-numru uffiċjali 62, ġewwa Triq il-Vitorja, Birkirkara (Dok. B);*

*Illi Francesco u Mary konjugi Agius kienu inkwilini protetti ta' diversi proprjetajiet, fosthom garaxx fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, kif ukoll id-dar bin-numru 1, Block 7, fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, u għalhekk l-inkwilinat ta' dawn il-proprjetajiet kienu jifformaw parti mill-eredità tagħhom wara li huma kienu ġew neqsin;*

*Illi wara li kien ġie nieqes Francesco Agius, it-tliet kontendenti, u ċioe Martin Agius, Ronald Agius u Carmen Buttigieg kienu ġew rikonoxxuti mill-Awtorità tal-Artijiet bħala inkwilini tal-garaxx fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, illi tagħha preċedentement kien inkwilin Francesco Agius. Illi dan kollu huwa kkonfermat bil-ġurament mix-xhud Karl Borg in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Artijiet fil-kawża fl-ismijiet Ronald Agius et vs. l-Awtorità tad-Djar (691/15 MH) (Dok. D);*

*Illi Mary Agius kienet inkwilina tal-fond bin-numru 1, Block 7, Triq l-Inkurunazzjoni, f'Bormla. Illi fis-16 ta' Diċembru, 2014 hija kienet iffirmat konvenju mal-Awtorità tad-Djar sabiex tixtri l-fond li kienet tirrisjedi fih, biex b'hekk issir sid ta' darha;*

*Illi però, Mary Agius kienet għaddiet għal ħajja oħra qabel ma ġie ppubblikat il-kuntratt finali ta' kompro-vendità bejnha u bejn l-Awtorità tad-Djar;*

*Illi permezz ta' ittra datata 16 ta' Novembru, 2016 u indirizzata lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet, illum l-Awtorità tal-Artijiet, is-Sur Martin Agius, filwaqt illi ddikjara li huwa wieħed mill-inkwilini tal-fond 1, Block 7, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, talab illi jersaq għall-kuntratt finali ta' kompro-vendità fuq il-fond (Dok. D);*

*Illi dawn iż-żewġ atti da parti ta' Martin Agius u ċioe, l-aċċettazzjoni tal-inkwilinat tal-garage fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, wara l-mewt tat-testatur missieru, kif ukoll id-dikjarazzjoni illi huwa inkwilin tal-fond bin-numru 1, Block 7, fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, wara l-mewt tat-testatriċi ommu, juru biċ-ċar illi Martin Agius aċċetta l-wirt taż-żewġ ġenituri tiegħu, u huma manifestement atti di erede;*

***B Ir-rinunzja ta' wirt ta' Martin Agius:***

*illi fir-rigward ta' rinunzja għall-wirt, l-artikolu 860(1) tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li r-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta. Fil-proċeduri odjerni Martin Agius esebixxa kopja tan-noti tar-rinunzja għall-wirt ta' ommu u missieru datata 26 ta' Jannar, 2018.*

*Illi però, u anki kif issottolinejat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza għall-kawża fl-ismijiet Borg noe vs. Camilleri et (02.11.1995):*

*'sakemm werriet ma jagħmel ebda atto di eredità, jista' jirrinunzja u jitqies bħallikieku qatt ma kien werriet'.*

*Illi kif irritjeniet ukoll il-Qorti fis-sentenza għall-kawża fl-ismijiet Camilleri vs. Aquilina (13/10/1983), l-aċċettazzjoni tkun espressa meta l-wirt ikun aċċettat f'kuntratt pubbliku jew skrittura privata, u tkun taċita meta l-eredi jagħmel att li neċessarjament timplika r-rieda tiegħu li jaċċetta l-wirt, u li ma jkunx intitolat li jagħmel ħlief fil-kapaċità tiegħu ta' eredi.'*

*Illi fil-proċeduri odjerni, jirriżulta bl-aktar mod ampju u ċar illi Martin Agius għamel atti ta' eredi kemm għal dak li jirrigwarda l-massa ereditarja ta' missieru, kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-eredità ta' ommu;*

*Illi apparti l-fatt illi Martin Agius aċċetta l-inkwilinat tal-garaxx wara l-mewt ta' missieru, u insista li hu inkwilin fil-fond ta' Bormla u wera l-intenzjoni li jixtrieh mingħand l-Awtorità tad-Djar, huwa insista illi l-flus kollha li kellhom id-defunti fil-kont bankarju ġewwa l-Bank of Valletta plc jiġu assenjati kollha lilu, u dana stante illi ma riedx jaċċetta illi l-ġnien kien ġie mogħti lil ħuh* (recte) *b'titolu ta' donazzjoni mill-ġenituri tagħhom;*

*Illi għalhekk Martin Agius qatt ma seta' jirrinunzja għall-wirt ta' ommu u ta' missieru;*

*Illi ta' min wieħed isemmi illi Martin Agius mingħajr ebda raġuni valida, kien iddeċieda illi ma jkellimx aktar lil ommu u lil missieru u fil-fatt lanqas biss attenda għall-funerali tal-ġenituri tiegħu;*

***C Assolutament bla preġudizzju għal dak premess u għal dak sussegwenti, it-testment tad-defunti jagħmilha ċara illi l-eredi kellhom jiġu eżentati mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni skont il-liġi***

*Illi ġialdarba jirriżulta illi l-eredi ġew mogħtija l-fakoltà tal-eżenzjoni mill-obbligu tal-kollazzjoni u l-imputazzjoni skont il-liġi mit-testaturi, id-donazzjoni illi huma għamlu vita durante m'għandhiex terġa' tidħol fil-massa ereditarja tad-defunti.*

***D Bla preġudizzju għal dak premess u dak sussegwenti, il-kreditu mitlub huwa esaġerat, u ma jirriflettix il-valur veru tal-proprjetà li fuqha qiegħed jintalab il-mandat:***

*Il-valur mogħti lill-ġnien huwa wieħed esaġerat, u inveritier. Illi fil-fatt, il-Perit li rrediġa r-rapport anness mar-rikors ammetta illi huwa rrediġa r-rapport mingħajr ma daħal fil-fond, u għalhekk ma seta' bl-ebda mod jirrelata dwar servitujiet minħabba l-pożizzjoni tal-ġnien;*

*Illi apparti minn hekk, il-prinċipji gwida dwar il-valur tal-porzjoni riservata ġew assunti fis-sentenza għall-kawża fl-ismijiet Emilia Maria sive Mollie Mifsud vs. Eleonore sive Nellie Mizzi (14/12/1973), fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell irritjeniet illi:*

*'In sustanza, il-kontestazzjoni hija imperjata fuq il-valur tal-beni fil-mument tal-apertura tas-suċċessjoni tal-awtriċi komuni u mhux fuq il-valur taż-żmien li fih issir il-likwidazzjoni tal-leġittima'.*

*Illi apparti dak suespost, u ġialadarba r-rapport tal-perit dwar il-valur tal-fond huwa dak preżenti, ir-rapport tal-perit ma jirriflettix il-verità, u għandu jiġi skartat.*

*Illi minn dan kollu jirriżulta illi kwalunkwe kreditu pretiż minn Martin Agius huwa esaġerat u arbitrarju, u intiż sabiex jivvessa, idejjaq u jikkaġuna tbatija għall-esponenti.*

***E Dwar l-allegazzjoni tal-parti rikorrenti li jekk ma tintlaqax it-talba għall-ħruġ tal-mandat, huwa ser isofri preġudizzju irrimedjabbli:***

*Illi mill-artikolu 873(2) tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta, joħorġu żewġ elementi illi r-rikorrenti jrid jissodisfa:*

- *Fl-ewwel lok irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet li jippretendi li għandu; u*
- *Fit-tieni lok irid jipprova li prima facie għandu dawn il-jeddijiet.*

*Illi kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza għall-kawża fl-ismijiet Corinne Galea et vs. Joseph Gauci et (07/10/1991):*

*'Il-mandat ta' inibizzjoni huwa wieħed mill-atti intiżi biex jikkawtela d-dritt. Trid għalhekk tinżamm distinzjoni netta bejn l-att kawtelatorju u d-dritt kawtelat.'*

*'L-artikolu 873 speċifikament fuq il-mandat ta' inibizzjoni jiddisponi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa li żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa, tkun xi tkun, ta' ħsara lill-parti illi titlob il-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti ma għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tal-mandat, u li prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.'*

*Illi l-prinċipju enunċjat f'dan l-Artikolu ġie adottat ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Salvino Testaferrata Moroni Viani vs. Is-soċjetà Testaferrata Estates Limited u Peter Paul Testaferrata Morono Viani et (03/11/1997), illi sostniet li:*

*'L-artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti l-fakoltà lil din il-Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Iżda din it-talba għall-ħruġ ta' tali mandat m'għandhiex tiġi akkolta jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti u li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.'*

*Illi fil-kawża fl-ismijiet Fr Grech pro et noe vs. Mandre (Vol LXXII pt. II pg 295), il-Qorti ddeċidiet illi:*

*'Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ dan il-mandat jekk ... it-tieni rekwiżit, u ċioe li dan ir-rikorrent prima face jidher li għandu dawk il-jeddijiet huwa rekwiżit oġġettiv u mhux suġġettiv u ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, iżda jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

*Illi r-raġuni u l-bżonn għal din l-interpretazzjoni stretta ingħatat mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) fis-sentenza Said vs. Said (08/03/1968), fejn il-Qorti irritjeniet illi:*

*'il-mandati kawtelatorji appuntu għaliex fi żmien il-kreditu jew pretensjonijiet għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti huma odjużi u d-dispożozzjonijiet tal-liġi dwarhom għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża'.*

*Illi dawn il-Qrati jagħrfu illi (Av Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti 18/07/2008:*

*'ir-rabta' ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandati ma jibqgħux għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-mandat ta' inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din.'*

*Illi fil-proċeduri fl-ismijiet premessi, is-Sur Martin Agius, ma rnexxielu jipprova ebda miż-żewġ rekwiżiti preskritti mill-artikolu 873(2) tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi t-talba ta' Martin Agius hija frivola u vessatorja, u m'għandhiex tiġi milqugħa.*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponenti jitlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiċħad in toto t-talbiet ta' Martin Agius kif dedotti fir-rikors tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi billi tiċħad il-ħruġ tal-istess mandat fil-konfront tal-esponenti bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

*2. Tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha illi permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba ta' Martin Agius kontra l-esponenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 875 u 876A.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Ir-rikorrent u l-intimati huma aħwa, ilkoll ulied Francesco u Mary née Spiteri, it-tnejn defunti. Il-ġenituri tal-partijiet ħallew warajhom testment *unica charta* li jġib id-data tat-18 ta' Diċembru, 1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, u testment aġġuntiv għal dan, tas-7 ta' Marzu 2007, fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras, fejn it-tliet ulied ta' Francesco u Mary Agius tħallew eredi f'porzjonijiet ugwali, u Ronald Agius tħalla prelegat fuq *caravan* fil-Mellieħa. Jirriżulta wkoll li matul ħajjithom, id-defunti Francesco u Mary Agius, kienu taw b'titolu ta' donazzjoni gratuwita u irrevokabbli lill-intimat Ronald Agius, il-

proprjetà konsistenti fi ġnien bin-numru tnejn u sittin (62), fi Triq il-Vitorja, ġewwa Birkirkara, u li fit-testmenti tagħhom huma eżentaw lil uliedhom mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni. Ir-rikorrent jgħid li hu rrinunzja għall-wirt tal-ġenituri tiegħu, iżda qiegħed jirriserva favur tiegħu d-dritt tal-porzjon riservat lilu bil-liġi, dik li komunement tissejjaħ il-leġittima, li hu jippretendi li għandu jieħu billi jiġi likwidat il-valur tal-proprjetà immobbli bin-numru tnejn u sittin (62), Triq il-Vitorja, Birkirkara, stante li din kienet l-unika proprjetà immobbli fil-patrimonju tal-ġenituri tiegħu, u li tinsab fil-pussess tal-intimat Ronald Agius, stante li din l-istess proprjetà kienet ġiet trasferita lilu b'titolu ta' donazzjoni.

Permezz tat-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tinibixxi lil ħuh l-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jassenja jew b'xi mod ieħor jiddisponi *inter vivos* b'titolu oneruż jew gratuwitu l-istess proprjetà, stante li hu għandu interess li din tiġi ppreservata, sabiex hu jkun jista' jirċievi dak li hu jippretendi li hu dovut lilu bis-saħħa tal-fatt li hu għandu jedd għall-porzjon riservat lilu bil-liġi minn dak kollu li kien jikkostitwixxi l-patrimonju tal-ġenituri tiegħu.

**Provi u riżultanzi**

Il-partijiet ippreżentaw għadd ta' dokumenti fl-atti ta' dan il-mandat, fosthom ir-riċerki testamentarji li juru li rriżultaw żewġ testmenti fl-ismijiet ta'

Francesco Agius u Mary Agius, dak tal-1996 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar u dak tal-2007 fl-atti tan-Nutar Rosella Sciberras. Il-Qorti kkunsidrat li t-tielet artikolu tat-testment bid-data tat-18 ta' Diċembru, 1996, fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, jispeċifika li, 'It-testaturi jeżentaw lil uliedhom kollha mill-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontemplati fil-liġi.' Fl-aġġunta għat-testment li għamlu t-testaturi b'mod separat, dawn żiedu l-klawsola li permezz tagħha Ronald Agius tħalla l-prelegat tal-*caravan* numru 4 Row A, Caravan Site, l-Għadira, il-Mellieħa, bil-mobbli fiha u bid-dritt tal-inkwilinat tal-istess kamra peress li binhom għamel ħafna spejjeż biex irranġaha.

Il-Qorti kkunsidrat in-nota datata s-26 ta' Jannar, 2018 ippreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) li permezz tagħha Martin Agius irrinunzja għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għall-wirt tad-defunta Mary Agius, li mietet fit-13 ta' Marzu, 2015, filwaqt li żamm ferm id-dritt tiegħu għas-sehem riservat. B'nota separata tas-26 ta' Jannar, 2018, ippreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), Martin Agius irrinunzja wkoll għall-wirt ta' missieru Francesco Agius, li miet fit-22 ta' Diċembru, 2012, filwaqt li żamm ferm id-dritt tiegħu għas-sehem riservat.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-att ta' donazzjoni bid-data tat-8 ta' Mejju, 2009 fl-atti tan-Nutar Alicia Agius[2], li permezz tiegħu Francis Agius u martu Mary Agius, għamlu att ta' donazzjoni gratwita u irrevokabbli favur binhom Ronald Agius tal-proprjetà bin-numru tnejn u sittin (62), ġewwa Victory Street,

[2] *A fol.* 36.

Birkirkara, tal-kejl ta' circa nofs tomna u nofs kejla, konfinanti mit-Tramuntana ma' Victory Street, mil-Lvant ma' beni ta' Carmelo Pullicino u mill-Punent ma' beni ta' Vincenza Fenech jew l-aventi kawża tagħhom, kif suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.33 fis-sena.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll diversi dokumenti oħra, fosthom dak a fol. 39, li hu att ta' rikonoxximent ta' mart u l-ulied kollha ta' Francesco Agius wara li ġie nieqes, bħala inkwilini *in solidum* tal-garage adjaċenti għal Block 7, Triq il-Ġdida, Bormla. F'ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Novembru, 2016, Martin Agius kiteb lill-Awtorità (dakinhar Dipartiment) tal-Artijiet, bħala wieħed mill-inkwilini tad-dar bin-numru 1, Saint Mary, Block numru 7, Triq il-Ġdida, Bormla, u talab lill-istess Awtorità tinfurmah bil-prezz u bil-proċess li jkun meħtieġ li jsir sabiex tinxtara l-istess proprjetà. Ġew ippreżentati wkoll għadd ta' dokumenti li l-partijiet skambjaw mal-Awtorità tad-Djar sabiex ikunu jistgħu jixtru l-proprjetà tal-ġenituri tagħhom, li iżda, qajla għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti semgħet lir-rikorrent Martin Agius jixhed fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2018, fejn dan ikkonferma li hu jgħix f'indirizz il-Mosta u mhux fil-proprjetà f'Bormla li ttenta jixtri mingħand l-Awtorità tad-Djar bħala 'inkwilin' fil-proprjetà fejn kienu jgħixu l-ġenituri tiegħu. Ir-rikorrent allega li hu ppreżenta ruħu bħala 'inkwilin' minħabba li fl-ittra ta' rikonoxximent maħruġa mid-Dipartiment tal-Artijiet wara li ġie nieqes missieru, hu ġie rikonoxxut bħala 'inkwilin' mill-istess Dipartiment, u mhux għax verament kien jgħix f'dak il-

post. Madanakollu hu qatt ma informa lill-awtoritajiet li hu kellu indirizz x'imkien ieħor, u li mhux vera kien residenti fil-proprjetà f'Bormla. Mistoqsi jekk ħassx li seta' jidħol fiż-żarbun ta' ommu li kienet ġiet nieqsa, billi jagħmel talba għax-xiri tal-proprjetà tagħha mal-Awtorità tad-Djar, ir-rikorrent wieġeb li:

> "Le, mhux għax werriet ta' ommok. Għax ħadt ċans mhux kulħadd jista' jieħu ċans. Imbilli nieħu ċans nagħmel ittra. ... Ma naħsibx li għamilt xi gravità".

Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ikkonferma li hu minn dak kollu li kellhom il-ġenituri tiegħu, ma messu xejn, u li la ħa flus jew depożiti oħra u lanqas ma messewh xi oġġetti mobbli mill-patrimonju tal-ġenituri tiegħu. Ir-rikorrent ikkonferma li lanqas sehmu mill-flus iddepożitati fil-banek ma ħa, u dan naturalment in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu li hu jirrinunzja għall-wirt ta' ommu u ta' missieru, filwaqt li żamm ferm il-jedd tiegħu li jirċievi l-legitima *portio riservata* lilu bil-liġi.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi t-talba fir-rikors promotur għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 873 tal-Kap. 12.

Illi skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li

jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> “873. (2) Il-qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.”

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, ’l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[3]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa sabiex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta’ preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta’ preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed “li ma jkunx jista’ jiġi rrimedjat”. Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, imqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

[3] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré**, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta’ telf pekunjarju ċjoè telf ta’ qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[4]:

> “Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta’ min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta’ danni meta dan jista’ jitħares b’rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.”

Il-Qorti m’għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F’sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> “… il-frażi ‘tkun ta’ ħsara’ (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista’ jkun ta’ preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m’hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …”.[5]

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun

---

[4] P.A., 13.05.2014.

[5] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[6] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja,

[6] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd fil-mertu. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x’inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta’ dritt, anke jekk din tista’ ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta’ natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> “Illi … l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta’ provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b’mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tintlaqa’, ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta’ Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża’ r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.”[7]

[7] P.A., 25.01.2005.

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[8]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[9]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra issa tqis kif dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għandhom jiġu applikati għall-fattispeċi odjerni kif jirriżultaw mad-daqqa t'għajn.

Fl-ewwel lok kif diġà ngħad, skont l-insenjament kostanti tal-Qrati tagħna, ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Meta tqis it-talba tar-rikorrenti, fid-dawl tal-imsemmija rekwiżiti jirriżulta illi huma diversi l-insenjamenti ġurisprudenzjali dwar in-natura tad-dritt tal-

---

[8] Ara d-deċiżjoni fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

[9] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn presjeduta, 27.12.16.

'leġittima'. F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Aquilina et vs Therese Schembri et**[10]:

> "Il-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament komputata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu (**Cutajar *vs.*** Cutajar – 3.10.2003 P.A.Q.Ċ). In vista ta' dan l-ewwel ħaġa li ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-decujus bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju (Ma**ria Wismayer *vs.* Ruggero Wismayer** – P.A.Q.Ċ. 22.05.195).
> L-Artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li sabiex tiġi komputata l-leġittima, iridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur matul ħajtu – il-Professur Caruana Galizia fin-noti tiegħu dwar is-suċċessjoni jgħid hekk:
>
> *Such an addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations.*
>
> *The said addition is a fictitous one, on a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*
>
> *Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi', but also those made in remuneration for services, or out of gratitude."*

Illi fuq l-iskorta ta' din is-sentenza, u ta' diversi oħrajn li jadottaw din il-linja ta' ħsieb, bħal **Rita mart John Spiteri *et vs.* Andrew Briffa et**[11], u **Helen**

[10] P.A., 30.04.2007.
[11] P.A., 29.10.2014.

**Montebello *pro et noe vs.* John Montebello et**[12], jirriżulta illi sabiex tinħadem il-porzjon riservat għall-ulied tad-decujus, għandhom jiġu kkunsidrati u jiddaħħlu fil-massa ereditarja l-assi kollha tal-persuna (jew persuni) li ġew nieqsa, inklużi assi mogħtija b'titolu ta' donazzjoni, sabiex wieħed jista' jikkunsidra jekk it-testaturi eċċedewx, bid-donazzjonijiet u b'titoli oħra li jkunu ddisponew permezz tagħhom, dak li huma kienu liberi li jiddisponu minnu. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent issodisfa r-rekwiżit li l-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu li jieħu l-*legitima portio*, u li sabiex jiġi ssalvagwardjat il-jedd tiegħu li jitħallas l-ammont dovut lilu ai termini tal-liġi, din il-proprjetà ma tiġix ittrasferita bl-ebda mod, stante li jista' jkun li hi l-proprjetà unika li jkun hemm il-ħtieġa li tiġi likwidata sabiex ulied id-defunti jitħallsu l-porzjon riservat spettanti lilhom bil-liġi. L-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li l-*legitima portio* hu dritt li jservi ta' kreditu fuq il-valur tal-assi tal-mejjet, u għaldaqstant f'każijiet simili, jista' jkun hemm il-ħtieġa li proprjetà immobbli li kienet tappartjeni lid-defunt (jew defunti) tiġi likwidata biex ikunu jistgħu jitħallsu tali krediti lil min għandu jedd għalihom skont il-liġi. Hu fid-dawl ta' dan, li l-Qorti jidhrilha li l-proprjetà bin-numru tnejn u sittin (62), Victory Street, Birkirkara, għandha tiġi ppreservata u m'għandhiex tiġi ttrasferita, almenu sakemm din il-kwistjoni bejn il-partijiet tiġi finalment determinata.

Il-Qorti stabbiliet ukoll, waqt il-konsiderazzjonijiet tagħha, li r-rikorrent anki mad-daqqa t'għajn jidher li għandu jedd li jippreserva proprjetà li jista' jagħti l-

---

[12] P.A., 27.05.2015.

każ li hija l-unika proprjetà li tista' tagħmel tajjeb għall-krediti dovuti fuq il-patrimonju tad-defunti. Il-Qorti tagħmilha ċara li din id-deċiżjoni tagħha hi limitata għat-talba li għandha quddiemha u li ressaq ir-rikorrent – dik li tiddetermina jekk mad-daqqa t'għajn ir-rikorrent għandux jedd li jista' jiġi irrimedjabbilment preġudikat jekk il-Qorti ma tilqax il-mandat kif mitlub, u dan mingħajr mhi qiegħda tippronunzja ruħha fuq l-aspetti kollha tal-każ partikolarment fuq jekk ir-rikorrent b'xi mod għamilx atti ta' aċċettazzjoni tal-eredità tal-ġenituri tiegħu. Il-partijiet iridu jifhmu li dawk mhumiex lanjanzi li jaqgħu fil-mansjoni ta' dak li għandha tiddeċiedi dwaru l-Qorti f'dan l-istadju ta' proċedura somma fil-livell ta' *prima facie*, iżda huma lanjanzi li għandhom jitressqu f'kawża dwar il-mertu fil-forum petitorju appożitu, u għaldaqstant il-Qorti mhix tippronunzja ruħha dwarhom.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, billi żżomm lill-intimat Ronald Agius milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jassenja jew b'xi mod ieħor jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu l-proprjetà ossija ġnien bin-numru tnejn u sittin (62), li jinsab ġewwa Victory Street, Birkirkara, tal-kejl ta' circa nofs tomna u nofs, li tikkonfina mit-Tramuntana ma' Victory Street, mil-Lvant ma' beni ta'**

**Carmelo Pullicino u mill-Punent ma' beni ta' Vincenza Fenech jew l-aventi kawża tagħhom.**

**Barra minn hekk ai termini tal-artikolu 874(3) tal-Kap. 12, il-Qorti tordna lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Ċivili) sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbiku u lir-Reġistratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**L-ispejjeż tal-intimata Carmen Buttigieg li ġiet iċċitata inutilment f'dawn il-proċeduri stante li ma kinitx il-leġittimu kontradittur, għandhom jiġu sopportati mir-rikorrent Martin Aguis, filwaqt li l-ispejjeż rimanenti ta' din il-proċedura huma riservati għall-ġudizzju finali.**

Mogħti kameralment fl-10 ta' Mejju, 2018.